Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

- vs -

Godwin Cardona

Seduta tal-lum 14 ta' Gunju 2002,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Godwin Cardona, bin Francis karta tal-identita numru 11273(G), akkuzat talli fis-6 ta' Frar, 1994, f'Ghawdex, soaq vettura tal-ghamla Renault 19, numru tar-registrazzjoni U-4097, bi speed eccessiv u b'manjiera perikoluza, u aktar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraggni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-Traffiku kien responsabbli ghall-incident stradali u kkaguna l-mewt ta' Geroge Cremona minn Victoria, Ghawdex. Il-Qorti intalbet timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien xieraq jekk jinstab hati tal-akkuzi.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-3 ta' Novembru, 2000 skond l-artikolu skond ll-artikolu 370 (3) tal-Kap 9 sabiex l-imputat ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'dak li hemm mahsub fl-artikoli 225, 17 (b), 23, 30,20 u 533 Kap 9 u 15 (2)(3) u 18 Kap 65 u l-Avviz Legali 124 tal-1994.

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta talt-23 ta' Frar 1999 u tal-5 ta' Dicembru 2000.

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel prova li ressqet il-prosekuzzjoni kien il-process verbal tal-incident awtomobilistiku li wassal ghal-mewt ta' Geroge Cremona. Jirrizulta mill-atti processwali illi l-imputat kien qed isuq il-vettura in kwistjoni u mieghu kellu lill-Geroge Cremona bhala passiggier. Kawza tal-incident is-sewwieq u l-passiggier sofrew griehi ta' natura gravi bil-konsegwenza tal-mewt ta' George Cremona. Il-vettura garrbet hsarat estensivi meta spiccat mahbuta ma' hajt u misjuba tistrieh fuq is-saqaf taghha. L-awtopsja kondotta fuq il-kadavru ta' Cremona ikkonkludient illi dan miet kawza tal-impatt. Jirrizulta ukoll illi mill-griehi estensivi li kellu Cremona, kellu jittiehed dritt lejn l-isptar San Luqa f'Malta.

Jirrizulta ukoll illi l-imputat kien fil-kumpanija ta' Geroge Cremona f'xi hin qabel l-incident. Huma kienu qieghdin id-diskoteka Planet f'Victoria u wara marru l-Qala ghal-dawra u minn hemm kienu iddecidew li jmorru d-dar meta fi triqithom il-karozza "marret minn fuq wara" u nqalbu. Wara li mar kif setgha ghall-ghajnuna, l-imputat irritorna lejn il-karozza fejn ra lill-Cremona fil-karozza izda ma bediex jirrispondi ghas-sejha tieghu.

Minn ezami akkurat tal-atti jirrizulta bla ebda dubbju li l-vettura kienet qed tinsaq b'velocita qawwija tant li l-impatt li hadet mal-hajt u l-brakes qabel l-imputatt ma kienux bizzejjed biex iwaqqfuha milli tispicca maqluba diversi metri 'l boghod b'hafna partijiet minnha jispiccaw mxerrda fit-triq. Kif tajjeb ikkonkluda l-espert tat-traffiku Dr. Michael Grech nominat appozitament fl-inkjesta, dan l-incident zgur li ma setghax isehh jekk mhux ghall-ispeed qawwi li bih kienet qed tinstaq il-vettura.

Wara li semghet lill-partijiet u wara li rat in-nota ta' sottomissjoniet ferm studjata tad-difiza, il-Qorti hi tal-fehma illi dan l-incident sehh kawza tas-sewqan traskurat u perikoluz tal-imputat li wara li hareg mid-diskoteka, f'hin li ma jistax jiftakar mar dawra bil-karozza u sehh l-impatt dejjem f'hin li ma

kellux hjiel tieghu.  L-impatt kien tali illi farrak il-karozza mal-hajt u eventwalment spiccat maqluba diversi metri ‘l boghod.  Mill-evidenza migjuba ix-xena tal-impatt ma thalli ebda dubju li kien hemm sewqan bi speed eccessiv u b’mod traskurat.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati.

Wara li rat l-artikoli 225, 17 (b), 23, 30,20 u 533 Kap 9 u 15 (2)(3) u 18 Kap 65 u l-Avviz Legali 124 tal-1994;

Stante li ma ngiebet ebda prova li l-imputat qatt kien kundannat minn Qorti ghal-xi rejat, ghandu jkun mifhum li din hija l-ewwel okkazzjoni fejn l-imputat kien processat minn Qorti ta’ Gudikatura Kriminali izda jehtieg ikun ukoll tenut kont tal-gravita tal-incident li huwa problema b’incidenza qawwija llum il-gurnata.  L-imputat saq il-vettura b’dan il-mod minkejja r-responsabilita’ li kellu versu l-passiggier tieghu u ghalhek il-piena trid tirrifletti dawn l-elementi kollha.  Kwindi tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn mil-lum, liema terminu ma jidderkorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba snin mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Inoltre il-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mil-lum.

Il-Qorti fehemet l-obbligu impost fuq l-imputat skond l-artikolu 28A  tal-Kap

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur